MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1309/2002/1

**L-Avukat Dottoressa Lynn Zahra**

**vs**

**Peter u Doris konjugi Aquilina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit- 23 ta' Mejju, 2002 fejn intalab illi l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma ta' Lm92 rapprezentanti drittijiet professjonali inkluzi Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fil-kawza « Il-Pulizija vs Mario Aquilina » deciza quddiem il-Magistrat Jacqueline Padovani Grima u li ghaliha giet inkarigata l-attrici mill-konvenuti (missier u omm l-akkuzat Mario Aquilina) li gie interpellat ihallas dan l-ammont permezz ta' ittra interpellatorja.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 1121/02 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fis-17 ta' Gunju, 2002, fejn intqal illi t-talba ghall-hlas ghax-xoghol minimu li sar da parti ta' l-attrici huma ezagerati. Bl-ispejjez kontra l-istess avukata attrici.**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Lynn Zahra, Joseph Farrugia, Leone Borg, Mario Aquilina, Peter Aquilina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz qed isir sabiex l-attrici tithallas ghal drittijiet professjonali li hija ghamlet fil-konfront ta' Peter Aquilina.**

**2. Jirrizulta li l-attrici kienet giet inkarigata minn Joseph Farrugia u ohrajn sabiex tiddefendihom quddiem il-Qorti tal-Magistrati fuq kawza rigwardanti permessi u kienet talbithom mitt lira (Lm100) ir-ras. Hi kienet talbet dawn il-flus sabiex tiddefendihom u offritilhom li ggibilhom il-permess relattiv u dana minghajr hlas. L-attrici tghid illi kien Joseph Farrugia li qalilha li l-konvenut riedha biex tiddefendieh. Skond l-attrici l-konvenut kien mar l-ufficcju taghha ma' l-akkuzati l-ohra u wara dana kienu dehru xi tlett darbiet il-Qorti.**

**3. Jirrizulta li f'mument minnhom qamet problema meta wiehed mill-imputati rrifjuta li jhallas u hi baghtet risposta bil-fomm lill-partijiet l-ohra, inkluz il-konvenut sabiex ihallasha biex tkompli tiddefendieh. F'dan l-istadju hi kienet qed titlob tmenin lira (Lm80) minghand Aquilina. L-attrici tghid li f'dan l-istadju tnejn mill-imputati hallsu u l-konvenut irrifjuta li jhallas.**

**4. Joseph Farrugia jikkonferma li huwa kien qabbad lil Dr Lynn Zahra u li Peter Aquilina, Leo Borg,**

**Silvio Fenech u Edward Abela qalulu li jista' jqabbad lilha wkoll. Pero' skond l-istess xhud hi tablet sebghin lira sabiex tiddefendihom u ggibilhom il-permessi u wara talbithom mitt lira (Lm100) r-ras minflok sebghin (Lm70) ir-ras. Skond Farrugia kien inhareg il-permess ta' Silvio Fenech u ghalhekk il-kawza tieghu inqatghet, baghtitlu kont ta' tnejn u disghin lira (Lm92) u hallasha sitta u hamsin lira (Lm56) li hi ma rrifjutatx. L-istess xhud qal ukoll li l-konvenut kien dispost li jaghtiha biss sittin lira (Lm60), ghalkemm ikkonferma li l-ftehim fl-ufficju taghha kien ta' sebghin lira (Lm70) bil-patt li ggibilhom il-permess.**

**5. Leone Borg wiehed minn nies li ddefendiet l-attrici, jghid li l-ftehim kien ta' mitt lira (Lm100) u li wara ftehmu li tnaqqas il-prezz ghal tmenin lira (Lm80) bil-patt li l-permess iggibhom hi.**

**6. Mario Aquilina iben il-konvenut jaqbel illi kien qabbad lill-attrici biex tiddefendieh u li meta ma kienx prezenti hi talbithom mitt lira (Lm100) ir-ras.**

**7. Jirrizulta illi l-kawza instemghat fuq tlett seduti u jidher li d-difensur/l-attrici dehret darba jew darbtejn biss.**

**8. Il-konvenut ighid illi hu qatt ma ffirma xejn ma' l-attrici u li l-permess kien thabat ghalih hu. Pero' l-konvenut flimkien ma' ohrajn iffirmaw dokument datat 17 ta' Gunju 2002 fejn iddikjara li hu ftiehem li jhallas mitt lira (Lm100) meta l-attrici tlestilhom il-permessi necessarji, liema permessi tlestew minnhom u mhux mill-attrici u ghalhekk stennew tnaqqis konsiderevoli.**

**9. It-Tribunal qed jara illi mill-kumpless tal-provi, li f'dan il-kaz partikolari twalu aktar minn necessarju, jirrizulta li tassew kien hemm ftehim bejn il-partijiet. Ma hemmx dubbju illi dan il-ftehim ma kellux ir-rekwizit tal-kjarezza kif suppost ikun hemm f'kazi simili. It-Tribunal ikkunsidra illi l-attrici ma kellhiex f'idejha xi kaz komplikat u illi fit-twettiq ta' dmirijietha dehret darba jew darbtejn u m'ghamlet xejn biex iggibilhom il-permess, ghal garages li jidher illi thabtu ghalih l-istess konvenut u dawk li kienu akkuzati bhalu, u li kienet qed tiddefendihom hi.**

**10. B'dana kollu jidher illi l-ammont ta' tmenin lira kien hemm qbil fuqu, pero' jidher ukoll illi dan l-**

**ammont kien marbut ma' l-intiza illi l-attrici ggib il-permessi hi. Ghalhekk fic-cirkostanzi jaghmel sens dak li ntqal dwar li l-konvenut offrielha sittin lira(Lm60), ghalkemm fil-fehma ta' dan it-Tribunal anke tali ammont jista' jidher esagerat ghax-xoghol li sar, pero' wiehed irid izomm quddiem ghajnejh il-fatt illi l-attrici kienet qed toffri s-servizzi professjonali taghha. Ghalhekk it-Tribunal iqis illi l-ammont ta' hamsa u sittin lira  hu gust fic-cirkostanzi.  Ghalhekk it-Tribunal qed jakkolji t-talba limitatament f'dan l-ammont, liema ammont jinkludi fih it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, limitatament ghas-somma ta' hamsa u sittin lira (Lm65)  u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' hamsa u sittin lira  (Lm65).**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------